BANK ĊENTRALI TA' MALTA
EUROSISTEMA
CENTRAL BANK OF MALTA

STATISTIKA MONETARJA TA' KULL XAHAR

**Ħarġa Nru.** **2/2013**

**Data tal-pubblikazzjoni:** **18 ta' Ġunju 2013**

**Frar 2013**

Il-Bank Ċentrali ta' Malta għadu kif ħareġ il-kummentarju tiegħu dwar il-ħruġ tal-istatistika monetarja għax-xahar ta' Frar 2013.

**Il-kontribuzzjoni ta' Malta għall-aggregati monetarji u l-kontropartijiet taż-żona tal-euro**

Il-kontribuzzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (IFM) residenti f'Malta għall-aggregat monetarju sħiħ (M3) taż-żona tal-euro naqset b'€95.6 miljun, jew b'0.9%, fi Frar għal €10.4 biljun (ara Tabella 1). B'riżultat ta' dan, ir-rata tat-tkabbir annwali battiet għal 6.2% minn 6.5% x-xahar ta' qabel.

It-tnaqqis fl-M3 primarjament irrifletta tnaqqis fil-komponent monetarju intermedju (M2) flimkien ma' tnaqqis iżgħar fil-kumplament tal-komponent M3, li jikkonsisti minn titoli negozjabbli.

Il-komponent monetarju intermedju naqas b'€89.0 miljun, jew b'0.9%, matul ix-xahar minħabba tnaqqis fil-komponent monetarju ristrett (M1) flimkien ma' tnaqqis fid-depożiti li jinfdew b'avviż ta' tliet xhur jew inqas. Għaldaqstant, ir-rata tat-tkabbir annwali tal-M2 battiet għal 6.6% minn 6.8% x-xahar ta' qabel.

Il-komponent monetarju ristrett (M1) naqas bi €43.3 miljun, jew b'0.7%, matul ix-xahar primarjament minħabba tnaqqis fid-depożiti *overnight*. Dawn naqsu b'€41.1 miljun, jew b'0.8%, minħabba tnaqqis fil-bilanċi miżmuma minn intermedjarji finanzjarji li mhumiex banek u individwi, li patta għal żieda fil-bilanċi miżmuma minn kumpaniji mhux finanzjarji. Madankollu, ir-rata tat-tkabbir annwali tal-M1 aċċellerat għal 8.9% minn 8.7% x-xahar ta' qabel.

Fost il-komponenti l-oħra tal-M2, id-depożiti li jinfdew b'avviż ta' tliet xhur jew inqas naqsu bi €43.9 miljun, jew b'27.8%, minħabba tnaqqis fil-bilanċi miżmuma minn kumpaniji privati mhux finanzjarji.[1]

Id-depożiti li ntrabtu għal sentejn jew inqas, jiġifieri l-kumplament tal-komponent M2, naqsu marġinalment b'€1.7 miljun matul ix-xahar. It-tnaqqis fil-bilanċi miżmuma minn

[1] F'termini assoluti, id-depożiti li jinfdew fuq avviż ta' tliet xhur jew inqas jammontaw biss għal proporzjon żgħir ta' depożiti, u b'tendenza li jkunu volatili.

residenti Maltin patta għal żieda fil-bilanċi miżmuma minn kumpaniji privati mhux finanzjarji u minn individwi residenti f'pajjiżi oħra fiż-żona tal-euro.

Fir-rigward tal-kontropartijiet tal-M3, il-kreditu lir-residenti taż-żona tal-euro żdied bi €62.3 miljun, jew b'0.4%, minkejja tnaqqis fil-kreditu lill-gvern ġenerali, hekk kif żdied il-kreditu mogħti lil residenti oħra. Minkejja dan, il-kreditu naqas b'pass aktar mgħaġġel matul it-tnax-il xahar sa Frar, bir-rata tat-tkabbir annwali tiegħu tinżel għal -3.7%, minn -2.7% fix-xahar ta' qabel.

Iż-żieda ta' €129.0 miljun, jew ta' 1.1%, fi kreditu lil residenti oħra primarjament seħħet minħabba żieda fl-ammont ta' kreditu mogħti lil residenti f'pajjiżi oħra fiż-żona tal-euro. Il-kreditu lil kumpaniji mhux finanzjarji żdied sostanzjalment matul ix-xahar b'€112.4 miljun, jew bi 2.0%.

B'kuntrarju għal dan, il-kreditu lill-gvern ġenerali naqas b'€66.7 miljun, jew b'1.8%, l-aktar minħabba li naqsu l-ammonti miżmuma minn IFM residenti ta' titoli maħruġa minn gvernijiet oħra taż-żona tal-euro.

Il-kontroparti esterna tal-M3, li tirrifletti transazzjonijiet bejn l-IFM Maltin u residenti ta' pajjiżi barra ż-żona tal-euro, żdiedet b'€778.9 miljun, jew bi 8.4%. Żieda sostanzjali fl-obbligazzjonijiet tal-IFM fuq residenti barranin għelbet żieda fl-obbligazzjonijiet korrispondenti.

Il-kategorija 'il-kontropartijiet l-oħra', li taħdem bil-maqlub tal-M3, żdiedet b'€936.8 miljun, jew b'6.5%, fi Frar minħabba żieda f'obbligazzjonijiet oħra (netti). Dawn tal-aħħar żdiedu minħabba bilanċi ogħla ta' depożiti ta' banek fiż-żona tal-euro miżmuma ma' banek residenti. Barra minn hekk, kien hemm tnaqqis fid-depożiti ta' banek residenti miżmuma ma' banek oħra fiż-żona tal-euro. Matul ix-xahar, l-obbligazzjonijiet finanzjarji fuq żmien itwal naqsu wkoll, l-aktar minħabba tnaqqis fil-qligħ miżmum. B'kuntrast għal dan, żdiedu l-obbligazzjonijiet lill-gvern ċentrali.

**Transazzjonijiet ma' residenti Maltin: depożiti u self**

Fi Frar, id-depożiti ta' residenti Maltin miżmuma ma' IFM Maltin naqsu b'€99.6 miljun, jew b'1.1%, u reġġgħu lura ż-żieda tax-xahar ta' qabel (ara Tabella 2). Dan it-tnaqqis inzerta ħabat fl-istess żmien mal-ħruġ tal-istokks tal-Gvern ta' Malta fuq is-suq primarju. Minħabba f'hekk, ir-rata tat-tkabbir annwali battiet għal 5.2% minn 5.5% x-xahar ta' qabel (ara Grafika 1).

Matul ix-xahar, il-kategoriji kollha tad-depożiti fi ħdan l-M3 naqsu. Id-depożiti *overnight* naqsu bi €28.5 miljun, jew b'0.6%, hekk kif it-tnaqqis fid-depożiti miżmuma minn intermedjarji finanzjarji li mhumiex banek u individwi għeleb iż-żieda fil-bilanċi miżmuma minn kumpaniji mhux finanzjarji. Minkejja dan it-tnaqqis, ir-rata tat-tkabbir annwali tad-depożiti *overnight* telgħet għal 9.8% fi Frar minn 9.1% x-xahar ta' qabel, hekk kif tnaqqis saħansitra ikbar kien irreġistrat tnax-il xahar qabel.

Id-depożiti li jinfdew b'avviż ta' tliet xhur jew inqas naqsu bi €43.9 miljun, jew bi 28.0%, minħabba tnaqqis fil-bilanċi miżmuma minn kumpaniji privati mhux finanzjarji.

Sadattant, it-tnaqqis fil-bilanċi miżmuma minn kumpaniji tal-assigurazzjoni u tal-fondi tal-pensjonijiet wassal għal tnaqqis fid-depożiti li ntrabtu għal sentejn jew inqas, li naqsu b'€27.2 miljun, jew b'0.7%, matul ix-xahar. B'riżultat ta' dan, ir-rata tat-tkabbir annwali ta' dawn id-depożiti nbidlet f'waħda negattiva matul ix-xahar u niżlet għal -0.1% minn 0.2% fix-xahar ta' qabel.

Il-kreditu mogħti minn IFM Maltin lil residenti Maltin żdied b'€26.2 miljun, jew b'0.2%, fi Frar. Madankollu, ir-rata tat-tkabbir annwali tal-kreditu battiet għal 0.9% minn 2.1% x-xahar ta' qabel (ara Grafika 2).

Il-kreditu lill-gvern ġenerali naqas marġinalment b'€0.5 miljun. Din il-bidla żgħira għattiet it-tnaqqis fl-istokks tal-Gvern ta' Malta miżmuma mill-banek matul ix-xahar li għeleb bi ftit iż-żieda fil-portafolji tal-*bills* tat-Teżor tagħhom. Ir-rata tat-tkabbir annwali tal-kreditu lill-gvern ġenerali nbidlet f'waħda negattiva fi Frar u niżlet għal -0.9% minn 2.9% f'Jannar.

Il-kreditu lil residenti oħra żdied b'€26.6 miljun, jew b'0.3%, minħabba żieda fis-self mogħti lil diversi setturi tal-ekonomija, partikolarment lis-settur tal-proprjetà u lis-settur tal-bejgħ bl-ingrossa u l-imnut. Flimkien dawn għelbu t-tnaqqis fil-kreditu mogħti lill-industrija tal-kostruzzjoni. Is-self lil individwi żdied bi ftit matul ix-xahar minħabba self ogħla għal xiri tad-djar. Ir-rata tat-tkabbir annwali tal-kreditu lil residenti oħra battiet għal 1.4% minn 1.8% x-xahar ta' qabel.

## Assi barranin netti tal-IFM Maltin

L-assi barranin netti tal-IFM Maltin naqsu b'€111.4 miljun, jew b'0.9%, matul ix-xahar, hekk kif l-obbligazzjonijiet barranin żdiedu aktar mill-obbligazzjonijiet korrispondenti (ara Tabella 2).[2] Iż-żieda fl-obbligazzjonijiet barranin seħħet l-aktar minħabba żieda fis-self mis-settur bankarju domestiku mingħand banek barranin. Sadattant, iż-żieda fl-obbligazzjonijiet seħħet primarjament minħabba żieda fl-ammonti miżmuma ta' titoli maħruġa minn gvernijiet barra ż-żona tal-euro. Minħabba f'hekk, ir-rata tat-tkabbir annwali tal-assi barranin netti battiet għal 4.4% minn 5.9% f'Jannar.

## Rati ta' imgħax bankarji fuq self u depożiti[3]

Fi Frar, ir-rata medja ppeżata tal-imgħax imħallsa mill-IFM Maltin fuq id-depożiti kollha miżmuma mill-individwi u kumpaniji mhux finanzjarji Maltin żdiedet b'punt bażi għal 1.44%. B'kuntrarju għal dan, ir-rata korrispondenti mitluba fuq is-self niżlet b'punt bażi għal 4.34%.

Ir-rata medja tal-imgħax imħallsa fuq id-depożiti kienet punt bażi iktar minn dik ta' Frar 2012, filwaqt li dik mitluba fuq is-self kienet tliet punti bażi inqas minn dik ta' sena qabel.

***Aktar informazzjoni ekonomika u monetarja tista' tinkiseb mis-sit elettroniku tal-Bank Ċentrali ta' Malta [www.centralbankmalta.org](http://www.centralbankmalta.org)***

[2] L-assi barranin netti jikkonsistu f'obbligazzjonijiet netti ta' residenti fil-kumplament tad-dinja lejn IFM residenti f'Malta. Ir-residenti fil-kumplament tad-dinja jinkludu residenti barra ż-żona tal-euro u residenti ta' pajjiżi fiż-żona tal-euro barra Malta.

[3] L-informazzjoni dwar ir-rati tal-imgħax fuq dejn mhux imħallas tkopri d-depożiti tal-IFM f'denominazzjonijiet tal-euro miżmuma mill-individwi u minn kumpaniji mhux finanzjarji residenti f'Malta u s-self mogħti lilhom. L-individwi jinkludu wkoll istituzzjonijiet li jipprovdu servizz lill-individwi bla qligħ. Kumpaniji mhux finanzjarji jinkludu l-intrapriżi kollha minbarra banek, kumpaniji tal-assikurazzjoni u istituzzjonijiet finanzjarji oħra.